# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeüġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**104.** **27 ta' AUUISSU 1910.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' üara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeü b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eüüel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


## LOTTERIJA!

Żmien ilu cont tchellimt f'in-«Naħla» fuk il-logħob; u illum ħadt pjacir meta fuk l-«Avvenire» ta's-Sur Cicc Azzopardi krajt articolü sabiħ u irraġunat ħafna fuk l-istess ħaġa u li jakbel chelma b'chelma ma dac li cont għidt f'dac l-articolu jiena.

Għandu raġun ħafna li jghemghem li il Pulizija f'dina il ħaġa ma hix takdi dmirha seüüa billi kiegħda tcarcar kuddiem il Magistrati il daüc collha li jagħmlu imkar lotterija jeü prim estratt ta' nofs lira għaliex ijcunu b'il ġuħ, jeü żüiegħom morda jeü kiegħdin minn ħafna xhur, allavolja il flus ta' dic il lotterija jeü prim estratt jibkgħu jiġru fostna, u frattant il daüc li jagħmlu il logħob ta'l Lottu, u li joħorġu l-eluf ta'l liri f'il gimgħa biex ijmorru jħaxcnu but il Gvern Taljan ma jchellmu-hom katt allavolja üisk drabi jcunu jafu min huma. Jecc tas-seü il Gvern li għandna hu tant morali li ma jridx li jsir logħob, għandu jidhirli jiena jekred fl-eüüel loc il-logħob l-oħxon u il-logħob li jcarcar flusna il barra u m'hux jagħmel bħal dac il bniedem ta'l Iscrittura li chien jara it-tibna bla ma jara it-travu.

Il Gvern għandu jdaħħalha f'rasu darba għal dejjem li il passjoni ta'l-logħob hi kalila üisk u li ma hux sejjer jekridha billi cull tant il Pulizija tcarcar kuddiem il Korti xi mara imsej-cna u tüaħħalha xi ħames xelini. Il Gvernijiet ta' pajjisi oħra li huma civilizzati üisk actar milli aħna aħna jaħsbuha xort'oħra u jagħmlu il Lottu u il-Lotteriji, bħal ma jsir ta' sicüit fi Franza u fl-Italja, u dana m'hux biss biex il flus ta' daüc il pajjisi ma jgħasfrux il barra iżda biex jiġbdu ucoll il flus ta' pajjisi oħra ġo djarhom. Dana hu għerf u għakal. Għala aħna mela ma għandniex nimxu ftit fuk id-daül tagħhom u f-loc li inħallu l-eluf ta' liri joħorġu cull gimgħa għal pajjisi oħra inżommu flusna jiġru fostna u jecc nistgħu niġbdu il flus ta' pajjisi oħra haün? Il pajjis kieghed jitnakkar b'il mod il mod u billi cüll tant jiġu xi mitt lira premji li bosta drabi tcun biss xniha biex jagħmlu il kalb il min ijcun soltu jilgħab ma aħniex sejjrin infejjku il pjaga kalila li kiegħda ftit ftit issir b'dana il misħut logħob ta'l Lottu. Barra minn dana kiegħed ijsir ucoll ħafna kerk billi xi briccuni jbigħu lil min ma jifhemx biljetti kodma u li għalhecc ma jista katt jirbaħ xejn bihom, meta ma jżommulux il biljett għandhom biex jecc ijsir ir-rebħ jiecluh huma. Chiecu jsir il-logħob b'id-diher u taħt għajnejn il Gvern dana il kerk u dana it-tgħallit ma jcunux jistgħu jsiru addoċċ bħal ma kiegħdin ijsiru illum.

U imbagħad x'gost hu dana li kiegħed jieħu il Gvern li f'loc li jara il profitt ta' dana il-logħob sejjer biex ijgħin xi Istitüt ta'l Carità milli għandna u li huma tant f'il bżonn, f'loc li jarah kiegħed ijsaħħaħ xi üaħda m'il baned li għandna u li tant ijservu biex jiġbru in-nies ta's-snajja tagħna f'loc f'il ħüenet f'pos-tijiet fejn jeducaü irüieħhom u jatu cittadini tajjba, f'loc li jaraħ sejjer għal festi li jkanklu ftit il cummerċ mejjet ta'l gżira jaraħ b'is-sabar collu ħiereġ biex ijpaxxi il Gvern Taljan ħalli dana jagħmilhom curazzati biex ġurnata forsi jchissru il custilji ta'l Inghilterra stess f'il Mediterran. ?

Hemm bżonn mela li il Cunsilieri jieħdu ħsieb din il pras-pura u li malli jiftaħ il Cunsill f'Ottubru li gejj jitchellemu fukha ħalli jaraü chif ijseüüuha darba għal dejjem b'gid u risk ta' dana il pajjis magħcus b'iż-żejjed.

Is-Sur Cicc fl-«*Avvenire*» faccar meta darba fi żmien il Gvernatur Maitland, fl-1820, chienet ħarget ordni biex issir lotterija ħalli ma jinħalkux taxxi. Għala dac li chien sejjer ijsir darba ma jarġax ijsir issa għallankas darba' f'is-sena ħalli tibka chemxa flus f'Malta seüüa u incunu nistgħu niġbdu ftit flus m'il Maltin ta' Barberija u ta'l Egittu? Fl-aħħar Tombla Telegrafica li saret fl-Italja minn Malta ħarġu l-eluf il cbar ta'l-liri u nistgħu ingħidu li minnhom ma raġa gie l-ura xejn.

Mela nifthu għajnejna bħal ġnus oħra u ma inħallux actar min jintfilna güienħajna għaliex għoddna üsalna għadma u gilda b'iż-żejjed.

# FRAC.

Nhar il Ħadd, f'Ta's-Sliema, saret il festa ta' Stella Maris li dina is-sena irnexxiet sabiħa tasseŭ, b'ħafna briju u bla ġlied u taħŭid ta' xejn. Ŭaħda m'il ħŭejjeġ li l-actar giegħlu tirnexxi dina il festa chienet li marret iddokk hemm il Banda tant imfaħħra ta'l « *King's Own,* » li dakket żeŭġ programmi b'sengħa cbira u li kalgħet, chif chien ħakkha, l-applaŭsi ta' cull min jifhem. Ħafna minn nies ta' Ta's-Sliema biex juruhom kalbhom ġabru chemxa flus seŭŭa u biha għamlu bandalora ta'l ħarir li intgħoġbot ŭisk u faħħarha cull min raha. Dina il bandalora giet lilhom ippresentata fuk iz-zuntier ta'l Cnisja Stella Maris m'is-Sur Agostino Levanzin P.L. li għamel taħdita b'ittaljan li intgħoġbot u giet applaŭdita ħafna m'il eluf ta' nies li chien hemm miġbura daks in-nemel. Is-Sur G. Bonnici, annom ta'l «*King's Own,*» irringrazzja b'discors sabiħ l'is-Sur Levanzin li chien kiegħed jitchellem għal daŭc li taŭ il bandalora u kal li għandhom ijżommuha bħala tifchira għażiża biex dejjem tibka ttaccarhom fl-imħabba cbira ta'n-nies ta' Ta's-Sliema lejhom. Ŭara il «*King's Own*» niżżlet il bandalora sa'x-Xatt minn Strada S. Vincenzo b'ħafna marcijiet sbiħ u kalb l-għajjat ta' ferħ u ittfigħ ta' fjuri u carti minn cull fejn għaddeŭ. Ŭara ħaduhom għand Axisa fejn sarilhom trattament sabiħ. B'hecc il «*King's Own*» żiedet bandalôra oħra ma'l ħafna standardi sbiħ li għandha u li jfaccruha dejjem f'il ħafna trionfi tagħha u bl-imħabba ta'l poplu lejha.

★

Xi uħud kalu li biex tiġbor *meeting* u tfihem fih lill poplu il qŭestjoni ta'l Costituzzjoni hi ħaġa difficli ŭisk jecc m'hux impossibbli għall collox u li f'*meeting* ŭieħed ma jistax jara il vera fehma ta'l poplu għaliex erbgħa mixtrija minn partit cuntrarju jistgħu jħarbtu collox. Jecc is-Sur Cicc għandu dina il beżgħa jista għallankas jagħmel LAKGĦA li fiha jidħru rappresentanti minn cull distrett, minn cull classi, il ġurnalisti u nies oħra intelligenti biex bejniethom jaraŭ x'għandu jsir f'Ottubru li gejj u ħalli jaraŭ jecc jistgħux bi ftit ftehim ijsalvaŭ il pajjis minn dina il basla li daħal fiha u li kiegħda tagħmillu deni cbir. L-Inghilterra dana l-aħħar għamlu hecc; għala mela aħna ma nimxux fukha fi qŭestjoni imħabbla bħal din ? Naħseb li is-Sur Cicc ma jippretendix li rasu tlaħħak actar minn dic ta'l Ministru Asquith ?

Mela jecc m'hux MEETING għallankas LAKGĦA RAPPRESENTATIVA TA'D-DISTRETTI biex incunu nafu x'inhi il VERA fehma ta'l poplu.

★

M'ir-rapport ta'd-Dŭana ta'l aħħar tliet xhur sirna nafu li jecc f'Malta daħlu 71,582 lira m'il bejgħ ta'l prodotti tagħna ħargu 574,736 liri biex xtrajna minn Barra dac li għandna bżonn. Minn dana naraŭ ċar chemm flus jaħasra kiegħdin joħorġu cull sena bla ma jarġgħu jigi l-ura sa chemm jibkgħu biex ijfakkruna għal collox. Hemm bzonn mela li inkanklu xi ftit industriji bħal ma kal is-Sur Tanti-Bellotti ħalli biċċa seŭŭa minn daŭn il flus jibkgħu jinħadmu f'pajjisna; għaliex inchella tiecol u ma trodd is-sŭar tħott.

★

Għad li chif għidt f'in-numru l-ieħor scond il-Ligi ma għandhom l-ebda dritt li jgegħlu lil ta'l ħalib biex jagħmlu fl-irziezet daŭc il ħafna spejjes li jriduhom jagħmlu, iżda jista jati il cas li is-Sur Caruana-Scicluna jħambak xi ftit actar milli ħambak f'il Palazz ma' ta'l ħalib sa chemm il Magistrat jifhimha bħa's-Sur Caruana-Scicluna.

F'dan il cas x'jiġri ? Jecc l-ispejjes fi rziezet jagħmluhom is-sjed ŭara jgħallu il chera; u chif jistgħu ta'l ħalib jidħlu għal chera actar jebes jecc chemm chemm kiegħdin jicsbu lokma ħobż biex jitrejjku ? Ijcollhom jitilku il mogħoż u jiżdiedu ma'n-nies kiegħdin li għandna f'il pajjis u b'hecc incattru il għacs li haŭn f'loc li intaffuh. Jecc ma jagħmlux l-ispejjes is-sjed ta'l irziezet fost ta'l ħalib ftit huma daŭc li jistgħu jagħmluhom u b'hecc ħamsin jieħdu ix-xogħol f'idejhom collu, jixtru il mogħoż ta'l oħrajn b'ħabba, u il ħames jeŭ sitt mija l-oħra b'il familji tagħhom ijmutu collha b'il ġuħ u jcattru id-delitti li ġa huma bosta f'il pajjis. Dana hu seŭŭa ? Mela il Gvern f'loc li jgħin l-industriji li bakgħilna ijrid actar ijgħarrakhom sa jgibna ilcoll bħal kasba tixxejjer f'ir-riħ ? U imbagħad dana għalfejn ? Mard ta' deni ma haŭnx u mela għal fejn ħolku dina ittixŭixa biex jaħkru il ta'l ħalib? Għala għal capriċċ ta' rashom ijridu jekirdu ħafna familji b'il ġuħ biex jitħaxcnu xi ftit biss u meta ma hemmx l-ebda bżonn għa's-saħħa ta'l pajjis ?

★

Ħabib tiegħi li hu intelligenti ħafna u li jħobb ħafna il pajjisu tchellem miegħi fuk l-emigrazzjoni u għamilli ħafna osservazzjoniet sbiħ li ma irridhomx jintilfu. Dana beda biex kalli li ma togħġbux l-emigrazzjoni f'il bogħod għal Canada, għal l-Australja u x'naf jien għaliex meta nibagħtu in-nies hemm incunu ktajna magħhom cull cumunicazzjoni u b'hecc ma jistgħu jagħmlu l-ebda gid lill pajjishom f'il ħin li jecc l-emigrazzjoni issir f'il krib bħal ma jixtiek hu bħallichiecu in-naħħa ta' Tripli daŭna jistgħu jibkgħu jiccummercjaŭ magħna u jibagħtu il prodotti tagħhom haŭn u b'hecc ijcunu ta' xi gid għalina. F'loc li natuhom il flus biex ijmorru jaħdmuhom band'oħra għal gid ta' pajjisi oħra, ijcun ħafna aħjar jecc il Gvern jixtri f'iċ-Cirenajca l-art hu u li l-in-nies jatihom il għajxien għal sena u il għodod sa chemm jaħdmu ir-raba u jibda jroddilhom xi kliegħ u b'hecc jifdu l-art u jħallsu il għodod bl'imgħax ta'l flus li jcun ħargilhom il Gvern. B'hecc il Gvern ma jcun tilef xejn minn butu u ta'l flus li jcun silifhom ijcun daħħal l-imgħax ucoll. U jecc lil Maltin ijŭebbilhom li jmorru f'il krib fejn ijsibu ir-raba tajjeb ġa mixtri u b'il għodod u il għajxien sa jibda jiffruttalhom, ijsib l-eluf ta' bdieŭa li jridu jmorru jaħdmuh, u jcunu jistgħu jibagħtu il prodotti haŭn u b'hecc incunu kisna ħlakna colonja li tibka ticcummerċja magħna u tkallagħna il flus, u jcunu jistgħu jigu jaraŭ il nieshom billi f'il krib u b'hecc ma jaraŭha xejn bi cbira li jitbiegħdu minn haŭn. Hemm bżonn ucoll li għallankas jatuhom erbgħin modd art cull ŭieħed u m'hux tliet imdied biss x'jaħdmu għaliex daŭna biss ma jistgħux ijħajjruh li jintrigau billi ftit kliegħ jistgħu jħallulhom.

Mela hemm bżonn li il Gvern stess jieħu il passi ma'l Gvern Torc biex jatih artijiet cbar għal Maltin, u dana il Gvern Torc għal Maltin jagħmlu b'il pjacir basta ma humiex Taljani u jibda jatih biċċa biċċa lill bdieŭa Maltin, bl-ipoteca sa jifdu il prezz tiegħu b'il għodod u il għajxien u l-imgħax b'collox u hemm allura jsir tiegħu u jista jieħu raba ieħor jeŭ ijŭilli tiegħu. Hemmhecc ijsibu fl-intern ħafna għarab li huma nisel il Maltin u li huma actarx imnisslin minn daŭc il Maltin li chien ħa irsiera Sinam Baxa fi żmien D'Omedes, u għalhecc malajr jakblu u jingiebu magħhom. Il clima jakbel ma tagħna u il Maltin ijgħixu fih tajjeb ħafna, u hecc dac li jati dana ir-raba ġdid jibda jimbagħat Malta u aħna jista jcollna cummerċ cbir ħafna biex daŭna il prodotti inxerrdu-

ħom ma'l Eŭropa collha. Jiena dejjem cont ta'l fehma li jecc l-emigrazzjoni f'loc li issir b'il ftit il ftit issir f'salt bħala colonizzazjoni u f'il krib ijcun ŭisk aħjar għalina u għal daŭc li jmorru u il Maltin actar trabbi il kalb li titkankal minn haŭn. Jecc nistgħu nibagħtu il Maltin f'il krib għala għandna nibgħatuhom ħafna f'il bogħod fejn jitbegħdu ħafna m'il familji tagħhom u fejn ijdumu ħafna ma jitgħallmu l-ilsien ta'l pajjis? Ma'l għarab jiftiehmu f'kasir żmien.

★

Nitolbu b'il kalb għa'r-ruħ ta' Dun **Frangisc Bugeja**, Duttur ta't-Teologija, li miet ftit ilu ir-Rabat ta'l Imdina. Chien ragel għaref u ta' kalb tajjba ħafna u għalhecc cullħadd tħassar it-telfa tiegħu.

★

Il Maltin ta'l Cajr ŭara li chellhom ħila jiŭakkfu «Società di Beneficienza» irnexxielhom ucoll li jŭakkfu Banda taħt l-isem ħelu ta' MELITA. Dina ħadem għaliha ŭisk biex irnexxiet il ħabib intelligenti tagħna Ugu Abela Hyzler li għamel taħdita sabiħa ħafna b'it-taljan u għogħbu ftacar f'ismi biex faħħarni minn dac il bogħod collu. Jiena lil daŭc il Maltin kalbiena li għandhom ħila fost il barranin ijżommu f'il għoli l-isem ta' dina il gżira gloriusa nixtiekilhom cull risk ħalli jagħddu il kuddiem bħal ma jixtieku.

★

F'Għaŭdex l-industrija ta'l imbit hi miexja ġmielha. Krajt li is-sena l-oħra saru għal sebgħa u għoxrin elf barmil. Dana l-imbit hu tajjeb ħafna u għa't-togħma tiegħu jista jħabbatha ma' ta' Barra.

# Aħbarijiet ta' Barra.

F'VALLADOLID, fi Spanja, dehret marda ġdida li ħabblet ras it-tobba collha billi għadhom ma jistgħux jifhmu x'inhi u mnejn hi gejja. Il marid tiffaċċalu tebgħa ħamra f'ŭiċċu u f'għonku u ŭara ftit ħin ijmut. Jaħsbu li hi gejja minn xi għidma ta xi nemusa jeŭ insett li javvelena id-demm. Din jonkos issa!

F'ODESSA hemm il pesta u għalchemm ftit casi kiegħdin jissemmeŭ jaħsbu li hemm ħafna casi oħra moħbija fost il poplu bass. Il Prefett biex ijżomm il mard m'il aħjar li jista ŭiegħed għaxar rubli lill cull min ijgħarrfu b'cas. Ħasibha tajjeb!

F'PASCO, f'il Chili, kabdet minjera u m'il erba mitt ruħ li chien hemm fiha mitejn mietu u il mitejn l-oħra ħarġuhom collha miġruħa.

ARMSTRONG DREXEL, bl-areoplan tiegħu tala 6,750 pied għoli, l-akŭa għoli li telgħu fih s'issa. Dana scorra is-sħab u tħaŭŭad meta beda miexi fuk dana il baħar ta' sħab bla ma sata jara l-art iżjed. B'il bart li ħass hemm fuk idejh inġazzaŭ tant li ma satax ijħaddem l-areoplan actar ħlief bi tbatija cbira u ŭidnejh ittarrxu għad li ŭara għaddielu. Dana hu actarx geji billi l-arja hemm fuk hi irkieka ŭisk. Il genju ta'l bniedem cull ma jmur actar kiegħed jittrionfa!

F'SABINA FORMENTERA, f'il Gżira ta' Majorca kam rietnu kalil li m'hux talli chisser vapur u chemm chien hemm dgħajjes f'il port iżda katel ħafna nies ucoll.

IS-SOĊJETA' ASJATICA TA' BENGALA xtrat carti antichi mictubin b'lingŭa li sa illum ħadd ma chien għadu jaf biha.

F'GODOR, FEJN ALMERJA, fi Spanja ftit ilu, sar delitt li jchexchex u li juri chemm haŭn klub ta' tigri f'id-dinja. F'dana l-irħajjel jokgħod certu Ciccu Ortega li hu marid b'sidru bla ebda tama li jista jfiek billi il marda daħlitlu ŭisk il geŭŭa. Dana tchellem ma certu Leona li hu magħdud bħala it-tabib ta'l pajjis għad li ma hux u dana kallu li biex ijfiek sgur rimedju ŭieħed chien hemm igifieri li jixrob id-demm sħun ta' tfajjel u li jidlec sidru b'xaħmu. Ortega ried li jagħmel dana u ŭiegħed lil Leona ma' erbgħin lira jecc ijsiblu dana it-tifel u jagħmillu il cura. Leona u ieħor Fernandez sabu jgħum li't-tifel Gonzales ta' seba snin, kalulu biex ijmur magħhom ħalli jaktgħu il berkuk u meta ŭaslu f'loc straman tefgħugħ ġo l-ixcora li chellhom f'idejhom. Ħaduh għand Ortega u Leona b'sicchina cbira fetaħlu sidru u Ortega laka fuk l-insalata id-demm ta' dac l-innocenti u chielha. Ŭara Leona compla fetaħ l'it-tifel biex ħadlu xaħmu u bih dilec is-sider ta' Ortega. Biex it-tifel ma jintgħarafx saħkulu rasu b'gebla u difnuh f'fossa. Iżda id-dnub ma jorkodx, inchixfu u jinsabu arrestati biex jiġu iccastigati bl-aħrax chif jistħokkilhom. Biss f'pajjis fejn id-divertimenti tagħhom huma *il-lotta ta't-tori* ŭieħed jista jistenna delitti hecc ħorox li jagħmlu għajb lill bniedem.

F'EPINAL, fi Franza, xi tnax il sena ilu missier kabel miet chellu x'ijgħid ma' uliedu u għalhecc ma riedx ijħallihom il għoxrin napuljun li chellu. X'ħa għamel? Belagħhom! Issa x'ħin kalgħuh biex jitfgħuh f'il fossa lemħuhom ijlekku ġo'l kabar u ħaduhom.

F'IL PALAZZ TA' PETEHOFF, ta'l Cżar ta'r-Russja, sar ħruk apposta li jlaħħak il ħsara ta' miljun rublu, u fl-Unghe-rija sar ħruk ieħor li fih bakgħu mejjtin xi nies.

IN-NISA CATTOICI SPANJOLI għamlu dimostrazzjoni famusa lil l-Iskof ta' Madrid biex ijtaffulu m'il għali li għalleŭh il liberali; u għalhecc iltakgħu xi ħmistax il elf ŭaħda u marru jifirħu bih f'il palazz tiegħu. Fosthom chien hemm xi nisa minn ta'l Ministri stess li ħaduha contra tiegħu.

FI FRANZA, fuk il vapur-ta'l-art ftit ilu ġara delitt li jŭaħħax. Certu tabib daħal f'il vagun ta'l prima ma' ŭaħda sinjura li chellha par imsielet ta'd-djamanti f'ŭidnejha sbiħ ŭisk. Dana taha is-salt biex joktolha u jisrakhomlha iżda billi laħket sejjħet l-ajjut ma irnexxielhux ħlief li jferiha biss. Biex ma jinkabadx kabeż m'il vagun iżda dnubu laħku għaliex baka dieħel taħt ir-roti u miet imgħaffeġ. Id-dnub ma jorkodx!

COSTANT, fi Franża, ftit ġranet ilu, katel il ŭieħed pulizija bla ma lankas biss chien jafu għaliex kara gazzetta socialista imsejjħa «La Guerra Sociale.» Rajtu ftit fejn ijuassal il kari ħażin!

F'SEVASTOPOLI, f'ir-Russja, hemm il colera u f'Tunes chien hemm xi casi ta'l pesta li bihom mietu xi ħamsa minn nies.

FI SPANJA x'ħin il banchier Galiardo chien kiegħed jati pranzu il xi ħbieb tiegħu politici fakkgħet bomba taħt il mejda li katlet tnejn u feriet tlittax u biċċa midd dar iġġarrfet: Fi Spanja hemm it-taħŭid seŭŭa naraŭ chif sejjra tispiċċa.

B'IT-TELEGRAFIJA SENZA FILI kiegħdin jistampaŭ xi gazzetti abbord ta'l vapuri il cbar ta'l Atlanticu, u fosthom insemmu il «Journal de l'Atlantique» fuk il vapuri francisi, il «Cunard Daily Bullettin» fuk il-linja Cunard, l-«Atlantischer Tagblatt» u l-«Ocean Gazzette» fuk il vapuri tedeschi, it-«Transatlantic American» fuk l-Americani u l-«Express Daily Mail» fuk il Canadisi.

FL'AMERICA TA' FUK DAN L-AĦĦAR għamlet sħana tant kaŭŭija li mietu ma'l għoxrin ruħ. Bosta ħadu xemxati tant coroħ li jinsabu f'il periclu tal meŭt ucoll.

F'DAYTON, ħabat vapur-ta'l-art u hemm xi tlietin mejjta u xi disgħin feruti. Fosthom chien hemm ħafna nisa u tfal.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seŭda għal cotba jeŭ għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

# TRIDU TFIEKU MALAJR ?

Morru f 'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'ħeffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l ħaġra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fŭied, ta'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u **jonfok ftit.**

---

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Hu̇ejjeġ ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

---

# L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li iokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il ħasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

## UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU " IR-RUBNIT "

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: Dr: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**

FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**




GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

**In-"Nahla' tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**